MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 996/2001/1

**AIL Limited**

**vs**

**Aidan Formosa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Dicembru, 2001 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li prevja okkorrendo dikjarazzjoni illi huwa kien unikament responsabbli, minhabba negligenza, traskuragni, nuqqas ta' hila u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-10 ta' Mejju, 2001 fis-Santa Venera By Pass, bejn il-*coach* tal-marka Bedford bin-numru tar-Registrazzjoni JCY 868 di proprjeta' tas-socjeta' attrici u l-vettura tal-marka Seat Toledo bin-numru tar-registrazzjoni AAM 249 di proprjeta' tal-konvenut u misjuqa mill-konvenut. Ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' Lm2,265.00,

rapprezentanti l-valur ta’ danni, inkluz il-*loss of use,* minnu lilha kkagonati b’konsegwenza ta’ l-imsemmi incident awtomobilistiku.

Bl-ispejjez, inluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 26 ta’ Lulju, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Aidan Formosa fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-konvenut bl-ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident u dan ghaliex l-akkadut gara proprju billi kien hemm roqgha zejt ma l-art.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident tat-traffiku illi gara fl-10 ta’ Mejju, 2001 fis-Santa Venera By-Pass fuq il-pont vicin l-istabbiliment tal-Wands, bejn il-coach JCY 868 proprjeta’ tas-socjeta’ attrici u misjuqa minn Marco Axisa u Seat Toledo AAM 249 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara tard bil-lejl ghal habta ta’ nofs il-lejl.

Marco Axisa a fol 10 xehed illi huwa kien qed isuq il-coach JCY 868 proprjeta’ tas-socjeta’ attrici b’velocita’ ta’ cirka 35k.f.s. Kellu dawl *dipped* isuq fid-direzzjoni tal-Marsa. Quddiemu f’daqqa wahda ra roqgha diesel tleqq fid-dawl mferrex fuq in-nahha tax-xellug u ghalhekk gibed lejn il-lemin tat-triq. Quddiemu ra Mercedes tiskidja. Madankollu huwa rnexxielu jwaqqaf il-coach. Ftit sekondi wara jaqla’ daqqa fuq in-nahha ta’ wara u jara l-karozza tal-konvenut imdahhla fil-*coach*.

Kien hemm hsara fil-pannels, bumper u fanali, izda l-karozza misjuqa mill-konvenut garrbet hsarat

konsiderevoli fuq il-parti ta’ quddiem. Sejjhu l-pulizija illi minahha taghhom dehrilhom li ma kellhomx jaghmlu sketch peress li kien kaz ta’ *front to rear,* u giet mimlija l-formola. Gew notifikati s-*civil protection* illi gew u ferrxu materjal fuq id-diesel biex ma jibqax aktar jizloq.

Xehed ukoll f’dawn l-atti Leone Grech li huwa d-direttur tas-socjeta’ attrici fejn spjega l-ammont ta’ danni subiti mill-istess socjeta’.

Il-konvenut minahha l-ohra jghid li huwa kien qed isuq fl-istess direzzjoni u meta gie fil-lilwa jara coach quddiemu li kien donnu qed jitlef il-kontroll. Rah jiccaqlaq minahha ghall-ohra tat-triq. Ghalhekk ghafas il-brake sabiex inaqqas il-velocita’ tal-karozza tieghu, izda kien proprju dak il-hin li tilef il-kontroll u baqa’ diehel fuq in-nahha ta’ wara tal-coach. Hekk kif ghafas il-brake rrealizza li zelaq fuq xi likwidu peress illi l-karozza bdiet tizloq lejn il-lemin fid-direzzjoni tal-coach. Qal illi ma kienx jaf li kien hemm id-diesel u nduna bih hekk kif ghafas il-brake. Minn dak il-hin l’hemm tilef il-kontroll tal-vettura tieghu.

Ikkunsidrat:

F’din il-kawza inhela hafna hin mis-socjeta’ attrici sabiex jippruvaw l-ammont ta’ danni reklamati f’dan l-avviz, izda l-Qorti jidhrilha illi qabel ma tikkonsidra dan l-aspett tal-kawza, jkun opportun li tidhol fil-kwistjoni tal-meritu, peress illi d-difiza tal-konvenut ghal dik li hija skid ghandha l-importanza taghha li timmerita konsiderazzjoni specjali.

Hu assodat fil-gurisprudenza taghna illi skid huwa fattur newtrali u la jfisser htija u lanqas in-nuqqas tieghu (ara kawza <u>*George Spiteri vs*</u> <u>*Paul Cassar et*</u> deciza mill-Prim Awla fit-30 ta’ Gunju, 1993). Gie ritenut ukoll illi *“skid wehidha mhijiex la prova ta’ negligenza u lanqas skriminanti. Trid issir indagini jekk kienx hemm negligenza anticedenti jew kon-komitanti. Jekk din tirrizulta, allura hemm responsabbilta’ non ostante l-iskid, jekk le l-iskid ikun imputabbli ghal inevitable accident.” (*<u>*il-Pulizija vs A*lfred Attard VOL XLVII pt iv pg 1195)</u>.

F’dan il-kaz irrizulta li hadd mill-partijiet ma nduna illi l-art kienet tizloq minhabba d-diesel li kien fattur straordinarju u izolat li ha s-sewwieqa ghall-gharrieda. Ma kienx hemm sewqan eccessiv da parti taghhom. Kienu qeghdin isuqu bid-dawl mixghul b’mod regolari minghajr ma jippretendu li kellu jkollhom xi ostakolu partikolari fit-triq taghhom. It-tnejn li huma gew sorprizi b’din ir-roqgha diesel. Veru illi Marco Axisa illi kien qed isuq il-coach seta’ jinduna qabel minhabba l-posizzjoni elevata tal-kabina tas-sewqan, izda l-konvenut ma kellux dan il-beneficcju u sab l-emergenza ma’ wiccu minghajr ma kienet mistennija. Ghalhekk il-Qorti ma jidhrilhiex illi l-iskid kienet b’xi mod *self induced* da parti ta’ xi hadd mis-sewwieqa.

Fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Kevin Caruana* deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fit-3 ta’ April 2003 il-Qorti qalet: *“ghaldaqstant biex tirnexxi d-difiza ta’ skid, jehtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-iskid dovuta ghall-art tizloq, imma wkoll li l-iskidd saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu sewwieq prudenti meta l-art tkun tizloq. Meta sewwieq jipprova mhux biss il-fatt ta’ skid bhala tali imma jipprova wkoll skid saret bla ebda htija tieghu izda accidentalment b’mod li l-vettura bla htija tieghu u accidentalment saret inkontrollabbli, allura hija eskluza n-negligenza li taghti lok ghar-responsabbilta’ kriminali”*

Minkejja li l-kawza fuq imsemmija titratta responsabbilta’ kriminali, l-argumenti huma simili hafna ghal responsabbilta’ civili. Fil-fatt f’kawza deciza minn din il-Qorti kif preseduta fl-20 ta’ Ottubru, 1992 fl-ismijiet Hugh P Zammit noe vs Hector Carter din il-Qorti qalet: *“huwa ben saput li skid tista’ sservi ta’ difiza jekk dina tkun subentaneja u mhux self inflicted, bhal per ezempju roqgha zejt f’nofs karreggjata fit-tirq altrimenti nadifa, izda f’cirkostanzi fejn dina tista’ tkun probabbli tenut kont il-kondizzjoni tat-triq, allura ma tibqax aktar difiza legittima jekk ma jigix pruvat li s-sewwieq uza d-diligenza kollha biex jevita’ l-iskid.”*

Dana huwa proprju li gara f'dan il-kaz. Kien hemm roqgha zejt f'nofs il-karreggjata fi triq altrimenti nadifa. Il-Qorti ma tara l-ebda negligenza jew traskuragni tas-sewwieqa involuta f'dan l-incident, kemm Axisa li kien qed isuq il-coach, kif ukoll il-konvenut li kien qed isuq il-karozza. F'sitwazzjoni bhal din l-attur ma jistax jippretendi success ghall-istanza tieghu.

Fil-kawza *Dr H Lenicker vs J Camilleri* moghtija mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju 1972 il-Qorti qalet: *"……. F'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut irid jipprova hu a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli. (anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-incident jkun gara b'tort ta' l-attur)".* Peress illi l-Qorti ma ssib l-ebda responsabbilta' doluza fl-operat tal-konvenut, mhux il-kaz li tidhol fil-konsiderazzjonijiet tal-quantum.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tas-socjeta' attrici. Bl-ispejjez
kontra l-istess socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------